

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B** **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2515**
tal-15 ta' Diċembru 2022

dwar l-għoti ta' aċċess illimitat mingħajr dazju fl-Unjoni għall-2023 għal ċerti oġġetti li joriġinaw min-Norveġja li ġejjin mill-ipproċessar ta' prodotti koperti bir-Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(ĠU L 326, 21.12.2022, p. 10)

Ikkoreġut minn:

► **C1** Emendi, Ġ.U. L 92, 30.3.2023, p. 27 (2022/2515)



**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-
KUMMISSJONI (UE) 2022/2515**

tal-15 ta' Diċembru 2022

**dwar l-għoti ta' aċċess illimitat mingħajr dazju fl-Unjoni għall-2023
għal ċerti oġġetti li joriġinaw min-Norveġja li ġejjin mill-ipproċessar
ta' prodotti koperti bir-Regolament (UE) Nru 510/2014 tal-
Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

Artikolu 1

1. Mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2023, oġġetti li joriġinaw fin-Norveġja li huma elenkati fl-Anness għandhom jingħataw aċċess illimitat mingħajr dazju għall-Unjoni.
2. Ir-regoli tal-orijini stabbiliti fil-Protokoll 3 tal-Ftehim Bilaterali ta' Kummerċ Ħieles bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja għandhom japplikaw għall-oġġetti elenkati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

ANNEX

Oġġetti li joriġinaw min-Norveġja li għandhom jingħataw aċċess illimitat mingħajr dazju lejn l-Unjoni mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2023

Nru tal-Ordni	Kodiċi tan-NM	Kodiċi tat-TARIC	Deskrizzjoni tal-oġġetti
09.0709	2202 10 00		— Ilmijiet, inkluż ilmijiet minerali u ilmijiet aerati, li fihom iz-zokkor jew dolċifikant ieħor miżjud jew imħawrin
	ex 2202 91 00	10	— Birra mhux alkoħolika li fiha z-zokkor
	ex 2202 99 11	11 19	— Xarbiet ibbażati fuq is-sojja b'kontenut ta' proteini ta' 2,8 % jew aktar skont il-piż, li fihom iz-zokkor (sukrożju jew zokkor invertit)
	ex 2202 99 15	11 19	— ►C1 Xarbiet ibbażati fuq is-sojja b'kontenut ta' proteini ta' inqas minn 2,8 % skont il-piż; xarbiet ibbażati fuq il-ġewż tal-Kapitolu 8 tat-Tariffa Doganali Komuni, iċ-ċereali tal-Kapitolu 10 tat-Tariffa Doganali Komuni jew iż-żerriegħa tal-Kapitolu 12 tat-Tariffa Doganali Komuni li fihom iz-zokkor (is-sukrożju jew iz-zokkor invertit) ◄
	ex 2202 99 19	11 19	— Xarbiet oħrajn mhux alkoħoliċi li ma fihomx prodotti tal-intestaturi 0401 sa 0404 jew xaħam miksub mill-prodotti tal-intestaturi 0401 sa 0404, li fihom zokkor (sukrożju jew zokkor invertit)